**Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D, Ph.D**

**Appell Nru: 29 / 2023 / 1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**(Spetturi Mario Xiberras u Jeffrey Scicluna għall-Kummissarju tal-Pulizija u Dr. Ramon Bonett Sladden għall-Avukat Ġenerali**

**vs**

**Marlon Camilleri residenti fl-indirizz 6, "Mercure Hse", Triq Piju Ċellini, In-Nadur, Għawdex, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0023503H**

**Illum 15 ta' Diċembru, 2023**

Il-Qorti;

Rat li l-appellant Marlon Camilleri ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) nhar it-12 ta' Settembru 2023 u akkużat talli nhar it-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta tal-17:21 (il-ħamsa u wieħed u għoxrin minuta ta' wara nofsinhar) fi Triq Piju Ċellini fin-Nadur, Għawdex, u/jew f'postijiet oħrajn f'dawn il-Gżejjer:

1. Volontarjament ta n-nar lil vettura, ċioè l-vettura tal-għamla Honda u mudell SH100T bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG375, meta ġewwa l-vettura ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, u din il-vettura kienet b'mod li ma setgħetx tqabbad ħruq lil xi bini ieħor, għarix, jew lok ieħor;

2. Fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi volontarjament ta n-nar lil vettura, ċioè l-vettura tal-għamla Generic u mudell Race 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBZ997, meta ġewwa l-vettura ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, u din il-vettura kienet b'mod li ma setgħetx tqabbad ħruq lil xi bini ieħor, għarix, jew lok ieħor;

3. Fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, ċioè:

i. il-vettura tal-għamla Honda u mudell SH100T bin-numru ta' reġistrazzjoni CBG375, proprjetà ta' Mary Camilleri u/jew persuna jew persuni oħra oħra;

ii. il-vettura tal-għamla tal-għamla Generic u mudell Race 125 bin-numru ta' reġistrazzjoni DBZ997, proprjetà ta' Angelo Camilleri u/jew persuna jew persuni oħra;

iii. il-faċċata ta' dar fi Triq Piju Ċellini, In-Nadur, Għawdex, liema dar tappartjeni lil Mary Camilleri u/jew Angelo Camilleri u/jew persuna jew persuni oħra;

l-ammont ta' liema ħsara jeċċedi elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) ;

4. Talli saq xi motor-cycle jew quad bike, jiġifieri vettura bil-mutur tal-għamla u l-mudell Kentoya Sinner, bin-numru ta' reġistrazzjoni ICI312, meta ma kienx f'dak il-ħin liebes crash helmet.

i. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Mary Camilleri u Angelo Camilleri, billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

ii. f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika l-Artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

iii. f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u/jew 28H tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pwieni li tistabbilixxi l-liġi;

iv. f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A u/jew 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pwieni li tistabbilixxi l-liġi.

Rat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti nhar it-12 ta' Settembru 2023 fejn iddikjarat lill-appellant ħati fuq ammissjoni tiegħu stess u kkundannatu għal sena (1) ħabs li bl-applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma sospiżi għal perjodu ta' tlett (3) snin.

Barra minn hekk, l-ewwel Qorti ai termini tal-Art. 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lil Marlon Camilleri taħt ordni ta' trattament, annessa ma' din is-sentenza u tifforma parti integrali mill-istess, sabiex huwa jkun jista' jingħata kura psikjatrika.

Rat illi l-appellant Avukat Ġenerali ħass ruħu aggravat minn din is-sentenza u nhar it-22 ta' Settembru 2023 interpona umli appell minn din l-istess sentenza.

Illi l-uniku aggravju tal-appellant hi li l-ewwel Qorti erogat piena li ma kinitx fil-parametri tal-liġi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha.

Semgħet il-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta ta' nhar is-6 ta' Diċembru 2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-appell hu limitat għall-piena. Illi l-prinċipju regolatur hu li mhux normali li tiġi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[1], **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[2]] u oħrajn.). Illi, kif kellha okkażjoni tgħid din il-Qorti, dan il-prinċipju japplika ugwalment kemm f'appelli li jsiru mill-persuna misjuba ħatja, kif ukoll f' appelli intavolati mill-Avukat Ġenerali.

Jingħad l-ewwel nett illi s-sentenza appellata ngħatat wara ammissjoni inkondizzjonata tal-appellat fl-ewwel seduta nhar it-12 ta' Settembru, 2023 li fiha deher quddiem l-ewwel Qorti, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li dik il-Qorti tatu żmien xieraq biex jikkunsidra tali ammissjoni. Bħalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Ġunju 1999
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2003

tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** mogħtija fis-26 ta' Mejju 2004[3]:

> *"Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat."*

Dan il-prinċipju abbraċċjat ukoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, intqal is-segwenti: -

> *Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.*

Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri ta' appell mill-piena, din il-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, Appelli Kriminali: The Republic v. Ahmed Ben Taher, 6 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika v. Mohamed Mohamed Abusetta, 4 ta' Diċembru 2003; Il-Pulizija v. Emmanuele Magro, 2 ta' Ġunju 2004

Qorti tal-Maġistrati setgħetx **legalment** u raġonevolment tasal għal dik il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kinitx **taqa' fil-parametri imsemmija fil-liġi**, jekk **kinitx żbaljata fil-prinċipju** jew **kinitx manifestament eċċessiva.**

Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita` tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita` jew eċċessivita` manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun ogħla minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħaddnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> *Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed*

*ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.*

Issa fil-każ in desamina kif tajjeb osserva l-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu l-piena għar-reat taħt l-Artikolu 318 tal-Kodiċi Kriminali hija dik ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin. Imbagħad il-piena għar-reat taħt l-Artikolu 325 (1) tal-Kodiċi Kriminali (fejn ma japplikax l-ewwel proviso għall-Artikolu 325 (1) hija dik ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba' snin. Finalment il-piena għal reat taħt ir-regolament 128 (2) tal-L.S 65.11 bl-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tad-disposizjonijiet tal-Artikoli 54 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta m'għandhiex tkun inqas minn ammenda ta' €11.65 kif ukoll skwalifika tal-liċenzja taħt l-Artikolu 55 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Avukat Ġenerali jgħid fir-rikors tal-appell tiegħu li f'dan il-każ jaqbel li kien hemm raġunijiet ai termini tal-Artiklu 28A tal-Kodiċi Kriminali sabiex is-sentenza ta' priġunerija ma tiġix fis-seħħ u jaqbel ukoll li Ordni ta' Trattament huwa idoneju fiċ-ċirkostanzi irrelevanti li l-Artikolu 28A (2) jgħid (is-segwenti:-

*"...hlief jekk il-Qorti tkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kient tkun xierqa fin-nuqqas ta xi setgha li tissosspendi dik is-sentenza b'ordni bis-sahha ta-sub artikolu (1)".*

Dan ifisser li l-ewwel Qorti ma setgħetx tagħti sentenza sospiża għal reat li minnu nnifsu ma jistax jattira piena karċerarja effettiva. Il-korollarju ta' dan huwa li l-ewwel Qorti għandha tikkalkula t-tul tal-piena karċerarja daqslikieku din kienet ser tkun effettiva u wara jekk jidhrilha s-sentenza m'għandhiex tidħol fis-seħħ tiddikjara sentenza sospiża.

F'dan il-każ kif tajjeb osservat l-Avukat Ġenerali l-piena minima għal reat taħt l-Artikolu 318 u 325 (1) (a) tal-Kodiċi Kriminali teċċedi sena (1) priġunerija. Il-piena imposta mill-ewwel Qorti kellha tkun almenu piena ta' sentejn (2) priġunerija sospiża għal perjodu li l-ewwel Qorti dehrilha xieraq naturalment liema perjodu ma setax jeċċedi l-perjodu ta' erba snin provdut mil-liġi.

Għalhekk f'dan il-każ il-piena minima li setgħet ingħatat mill-ewwel Qorti kienet dik ta' sentejn priġunerija u konsegwentement l-ewwel Qorti hija żbaljata fir-rigward il-piena imposta minnha.

Il-Qorti rat id-dokumenti kollha fl-atti. Rat li l-appellat ghandu fedina penali netta u għalhekk għandu jiġi trattat daqs li kieku kien *a first time offender*. Rat l-eta` piuttost żgħira tiegħu ta' għoxrin (20) sena. Rat il-ko-operazzjoni tiegħu mal-prosekuzzjoni u mal-Qorti tant li rreġistra ammissjoni mal-ewwel opportunita' mogħtija lilu u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi qegħda tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fir-rigward il-mertu fejn iddikjaratu ħati tal-akkużi iżda qegħda tirrevokaha fir-rigward il-piena imposta billi tikkundannah sentejn (2) priġunerija minflok sena (1) iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali tordna li l-piena inflitta tiġi sospiza għall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum.

Barra minn hekk, il-Qorti ai termini tal-Art. 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkonferma li Marlon Camilleri għandu joqgħod għall-Ordni ta' Trattament, annessa mas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, sabiex huwa jkun jista jingħata kura psikjatrika.

Il-Qorti spjegat lill-akkużat il-konsegwenzi illi jkollu jiffaċċja jekk huwa jikkommetti reat ieħor fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, jew jekk ma jottemporax ruħu mal-ordnijiet maħruġa minn din il-Qorti f'din is-sentenza.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**

**Imħallef**

**(ft) Mary Jane Attard**

**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**